MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 13/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-erbatax (14) ta’ Awwissu tas-sena elf disa` mija u hamsa u sittin (1965) (Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied, ghalkemm l-intimata ghandha zewg ulied minn barra z-zwieg li huma maggorenni u li pero` jgibu kunjom l-attur u cioe` B.

2. Illi l-partijieti ilhom legalment separati mill-ghaxra (10) ta’ Diembru tas-sena elf disgha mija u disgha u sittin

(1969), u li l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt (Dok. B anness) awtorizzat mill-Onor Imhallef Prof. JJ Cremona fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u sittin (1969);

3. Illi ma hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante illi barra li ilhom aktar minn erbghin sena legalment separati illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn.

4. Illi skond l-istess kuntratt, il-partijiet iddekadew/irrinunzjaw rispettivament ghad-dritt li jitolbu jew jircievu il-manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab sabiex f'dawn ic-cirkostanzi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta’ Dicembru 1969 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------